


DAR L-ISTORJA EWROPEA – FATTI U ĊIFRI



Kontenut: L-istorja Ewropea, prinċipalment dik tas-sekli 19 u 20, b'enfasi speċifika fuq l-integrazzjoni Ewropea u b'riflessjonijiet retrospettivi u espożizzjonijiet tematiċi dwar proċessi u ġrajjiet tas-sekli ta' qabel.

Ftuħ għall-pubbliku: 6 ta' Mejju 2017

Approċċ storiku: Dar l-Istorja Ewropea għandha l-għan li tagħti stampa ġenerali transnazzjonali tal-istorja tal-Ewropa, filwaqt li tqis id-diversità tagħha kif ukoll il-bosta interpretazzjonijiet u perċezzjonijiet dwarha. Id-Dar għandha l-għan li tikkontribwixxi biex tkun mifhuma l-istorja Ewropea, inkluż il-kuntest globali usa', u li tistimula dibattitu dwar l-Ewropa u dwar il-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Il-fokus prinċipali tal-wirja permanenti huwa l-istorja Ewropea tas-sekli 19 u 20 u l-istorja tal-integrazzjoni Ewropea, osservata minn perspettiva storika wiesgħa u li tiġbor kemm l-esperjenzi kontrastanti kif ukoll dawk komuni tal-Ewropej fl-istorja.

Obiettivi: Dar l-Istorja Ewropea taspira li ssir il-mużew ta' riferiment dwar il-fenomeni transnazzjonali li sawru l-kontinent tagħna. Hija tinterpreta l-istorja minn perspettiva Ewropea, u b'hekk tgħaqqad u tqabbel l-esperjenzi kondiviżi u l-interpretazzjonijiet differenti tagħhom. L-ambizzjoni tagħha hi li tippromwovi l-għarfien tal-perspettivi transnazzjonali fl-Ewropa kollha.

Post: Il-Binja Eastman fil-Parc Léopold, fil-qalba tad-"distrett Ewropew" ta' Brussell. Il-binja għet ikkonvertita u mkabbra mill-konsorzju internazzjonali Atelier d'architecture *Chaix & Morel et Associés* (Franza), *JSWD Architekten* (il-Ġermanja) u *TPF* (il-Belġju). Il-kumpanija li ddiżinjat il-wirja permanenti hi *Acciona Producciones y Diseño* (Spanja) u l-kumpanija ta' produzzjoni hija *Meyvaert Glass Engineering* (il-Belġju).

Lingwi: Il-wirja permanenti hija disponibbli b'24 lingwa u l-bqija tal-offerta għall-viżitaturi hija disponibbli b'mill-inqas 4 lingwi.

Ħinijiet tal-ftuħ u kundizzjonijiet: Miftuħa 7 ijiem fil-ġimgħa, mill-10.00 sas-18.00, ħlief għat-Tnejn, meta tkun miftuħa mis-13.00 sas-18.00. Dħul b'xejn. Magħluqa fid-dati li ġejjin: l-1 ta' Jannar, l-1 ta' Mejju, l-1 ta' Novembru, l-24, il-25 u l-31 ta' Diċembru.

Faċilitajiet għall-viżitaturi: Ristorant, ħanut, awditorju, swali tat-tagħlim.

X'toffri: Wirja permanenti bi preżentazzjoni ta' oġġetti miġbura minn madwar 200 mużew u kollezzjoni mill-Ewropa u lil hinn minnha; wirjiet temporanji; programmi edukattivi; avvenimenti għar-residenti lokali u għal min ikun qed iżur il-belt; pubblikazzjonijiet u ġabra ta' informazzjoni online.

Gruppi fil-mira: Kull min tinteressah l-Ewropa u l-istorja tagħha; mhuwiex meħtieġ xi għarfien speċjali. Ġew żviluppati prodotti ta' informazzjoni speċjali għal gruppi speċifiċi fil-mira bħalma huma ż-żgħażaġħ, il-familji u l-iskejjel.

Spazju tal-wirjiet: 4000 m² għall-wirja permanenti, 500 m² għall-wirjiet temporanji.

Wirja permanenti: Il-wirja permanenti tippreżenta l-istorja politika, ekonomika, soċjali u kulturali Ewropea f'format kronoloġiku, iżda b'approċċ tematiku fi ħdan din l-istruttura. Il-fokus prinċipali tagħha huwa l-istorja Ewropea tas-sekli 19 u 20, b'riflessjonijiet retrospettivi dwar il-proċessi u l-ġrajjet tas-sekli ta' qabel li kienu importanti għall-iżvilupp tal-kontinent. Tingħata attenzjoni partikolari lill-istorja tal-integrazzjoni Ewropea.

Wirja temporanja: Il-programm ta' Dar l-Istorja Ewropea jinkludi wkoll wirja temporanja ta' kull sena li tipprovdi l-opportunità li tkompli tiżviluppa jew testendi t-temi u l-perjodi mill-wirja permanenti. Dan jippermetti li jkun hemm tipi ta' wirjiet differenti jew innovattivi kif ukoll kontenut varjat, b'modi li huma attraenti għal udjenzi differenti. L-istess bħall-wirja permanenti, dawn il-wirjiet temporanji jadottaw approċċ transnazzjonali u interdixxiplinari.

L-esperjenza tal-viżitaturi: Il-viżitaturi jistgħu jesploraw l-istorja Ewropea bil-pass tagħhom, u jistgħu jindagaw aktar fid-dettall dwar dawk it-temi li jinteressawhom b'mod speċjali. Għet adottata l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' għodod u metodi mużeoġiċi, pereżempju bl-użu ta' preżentazzjoni b'ħafna saffi ta' kontenut li tippermetti żjarat fuq livelli u ritmi differenti. L-esperjenza tal-viżitaturi hi varjata permezz ta' elementi atmosferiċi u tipoloġiji spazjali li jinbidlu u l-varjetà fid-densitajiet tal-oġġetti u tal-elementi interattivi. Elementi rikorrenti, bħal punti ta' riferiment, jorbtu t-temi tal-wira.



Nefqa: L-iżvilupp tal-proġett sewa madwar €55.4 miljun. Din is-somma tkopri l-konverżjoni, l-estensjoni u r-rinnovament tal-bini kif ukoll l-iżvilupp tal-wirja permanenti u l-ewwel wirja temporanja, inkluż il-bidu tal-ħolqien ta' kollezzjoni ta' mużew.

Persunal: Il-kontenut tal-wirja għe żviluppat minn tim akkademiku interdixxiplinarju tal-proġett, li huwa kompost minn studjużi tal-istorja, mużeologi, speċjalisti tat-tagħlim u amministraturi minn 18-il Stat Membru differenti. F'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp arkitettoniku u infrastrutturali, tim interdixxiplinarju issorvelja x-xogħlijiet kollha tal-bini u tal-iżvilupp.

Finanzjament: L-ispejjeż tal-iżvilupp għamel tajjeb għalihom il-Parlament Ewropew.

Korpi regolatorji: Bord ta' Trustees u Kumitat Akkademiku rispettivament jissorveljaw u jagħtu pariri dwar il-proġett.

Il-Bord ta' Trustees: Jissorvelja u jieħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet fundamentali relatati mal-proġett. Il-Bord hu presedut mill-ex-President tal-Parlament Ewropew, Dott. Hans-Gert Pötering.

Il-Kumitat Akkademiku: Presedut mill-istudjuż tal-istorja Prof. Dott. Oliver Rathkolb u kompost minn professuri tal-universitajiet u esperti minn mużewijiet ta' fama internazzjonali, jagħti pariri lit-tim akkademiku tal-proġett ta' Dar l-Istorja Ewropea dwar kwalunkwe kwistjoni storika u mużeoloġika.

Mistoqsijiet u tweġibiet dwar il-proġett

Għalfejn twaqqfet Dar l-Istorja Ewropea?

Il-proċess li, mifrux tul għexieren ta' snin, ħoloq l-Unjoni Ewropea kellu impatt profond fuq il-mod kif il-pajjiżi Ewropej jorganizzaw u jirregolaw lilhom infushom, iżda sal-lum ma kien hemm l-ebda mużew li jpoġġi dan il-proċess fi ħdan kuntest storiku usa', b'mod li jiġbor u jqabbel ma' xulxin l-esperjenzi kuntrastanti tal-pajjiżi u tal-popli differenti Ewropej.

Il-ġenerazzjoni tan-nies li għexet it-traġedji tas-seklu 20 u mbagħad wasslet għall-bini tal-Komunitajiet Ewropej qed tiġi nieqsa. Wasal il-waqt, għalhekk, li nippreżentaw l-iżvilupp tal-integrazzjoni Ewropea b'mod komprensibbli għal pubbliku ġenerali u anke li nispjegaw l-iżviluppi storiċi ewlenin tagħha, il-forzi ta' motivazzjoni u l-għanijiet tagħha sabiex il-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jifhemu kif u għala l-Unjoni ta' llum żviluppat kif żviluppat, u ż-żmien li żviluppat fih. Fi żminijiet ta' kriżi, huwa partikolarment importanti li niżviluppaw u ntejbu l-kuxjenza tal-wirt kulturali u li nfakkru li l-kooperazzjoni paċifika m'għandhiex titqies bħala xi ħaġa awtomatika.

Għaldaqstant, il-Parlament Ewropew waqqaf Dar l-Istorja Ewropea, li tagħti liċ-ċittadini opportunità li jirriflettu dwar dan il-proċess storiku u dwar xi jfisser għall-preżent. Il-Parlament jemmen li l-mużew jista' jkun post ta' dibattitu u komprensjoni dwar sitwazzjonijiet kontemporanji, mill-perspettiva tal-għeruf storiċi tagħhom u fid-dawl ta' esperjenzi storiċi.



X'inhom l-missjoni ta' Dar l-Istorja Ewropea?

Dar l-Istorja Ewropea hija forum ta' taġġim, riflessjoni u dibattitu, u hija miftuħa għal udjenzi minn kull ġenerazzjoni u sfond. Il-missjoni ewlenija tagħna hi li ntejbu l-għarfien tal-istorja Ewropea fil-kompleksità kollha tagħha, inħeġġu l-qsim tal-ideat u nagħmlu l-mistoqsijiet.

Id-Dar tippreżenta l-istorja tal-Ewropa b'mod li jkajjem kuxjenza dwar il-varjetà ta' perspettivi u interpretazzjonijiet. Tippreserva t-tifkiriet kondiviżi u li jifirdu. Tesibixxi u tiġbor l-istorja tal-integrazzjoni Ewropea u l-pedamenti tagħha. Dar l-Istorja Ewropea, li hi proġett tal-Parlament Ewropew u taġġmel parti mill-offerta għall-viżitaturi tiegħu, hija indipendenti mil-lat akkademiku.

Il-kollezzjoni transnazzjonali, il-wirjiet u l-programmi tagħna joffru esperjenzi li jissorprenduk u jispirawk. Permezz tas-sensibilizzazzjoni u s-sħubijiet, nspiraw li nsaħħu d-dimensjoni Ewropea fid-dibattiti, il-wirjiet u t-taġġim dwar l-istorja. Dar l-Istorja Ewropea hija post ta' inkontri u skambju, tinterpreta l-passat minn angoli differenti u tibni pontijiet għall-kwistjonijiet rilevanti għall-Ewropa tal-lum.

X'inhuma l-prinċipji li jirregolaw il-proġett?

Mill-bidu nett, il-proġett ġie xprunat minn xewqa li jippromwovi l-għarfien tal-istorja tal-Ewropa u li jkajjem kuxjenza dwar id-diversità tal-memorji fl-Ewropa b'mod miftuħ u li jnebbi. L-indipendenza akkademika u l-kompożizzjoni internazzjonali tat-tim tal-proġett kienu prekondizzjonijiet, u għaldaqstant ġie reklutat grupp ta' studjużi tal-istorja u professjonisti tal-mużewijiet mill-Ewropa kollha, speċifikament għall-proġett. Dawn ħadmu biex jiżviluppaw il-wirjiet, filwaqt li jiżguraw li d-diversità tal-istorja Ewropea u tal-interpretazzjonijiet tagħha jiġu rappreżentati b'mod ġust.

Bord konsultattiv ta' livell għoli (il-Kumitat Akkademiku), li hu kompost minn studjużi tal-istorja u mużeologi ta' fama internazzjonali, jiżgura l-eżattezza akkademika u r-rilevanza tal-kontenut tal-wirjiet.

Fejn tinsab?

Dar l-Istorja Ewropea għandha s-sede tagħha fil-binja Eastman f'Parc Léopold, qrib l-istituzzjonijiet Ewropej. Il-binja Eastman inbniet fl-1935 biex tospita klinika dentali għal tfal żvantaġġati, u kienet iffinanzjata permezz ta' għotja mingħand in-negozjant Amerikan George Eastman, l-inventur tal-kamera Kodak. Bl-għan li l-binja tiġi ttrasformata fi spazju għall-wirjiet, saret kompetizzjoni arkitettonika li ntrebħet minn grupp li jiġbor fih lill-periti Chaix & Morel et associés minn Franza, JSWD Architekten mill-Ġermanja u TPF mill-Belġju. Il-pjanijiet tagħhom inkludew ir-rinnovazzjoni tal-faċet tal-binja – filwaqt li nżammet l-estetika storika tagħha – kif ukoll iż-żieda ta' estensjoni moderna fil-bitħa oriġinali u fuq is-saqaf tal-binja.

Kif żviluppa l-proġett?

Il-proġett għall-ħolqien ta' Dar l-Istorja Ewropea nbda minn Dott. Hans-Gert Pöttering, waqt id-diskors inawgurati tiegħu bħala President tal-Parlament Ewropew fl-2007. Is-sena ta' wara, kumitat ta' studjużi tal-



istorja u esperti tal-mużewijiet distinti minn diversi pajjiżi Ewropej fasslu l-ewwel kunċett għall-proġett, intitolat il-"Bażi Kunċettwali għal Dar l-Istorja Ewropea", li ppreveda Dar l-Istorja Ewropea bħala ċentru modern ta' wirjiet, dokumentazzjoni u informazzjoni li jirrifletti l-aktar ideat riċenti tal-mużeoloġija.

Minn Jannar 2011 'il quddiem sar ir-reklutaġġ tat-tim akkademiku tal-proġett. Dan it-tim, imlaqqa' flimkien minn madwar l-Ewropa kollha, beda jiddefinixxi progressivament il-viżjoni u l-missjoni tal-mużew il-ġdid, żviluppa n-narrativa għall-wirja permanenti u ħadem fuq oqsma differenti bħal pereżempju l-politika tal-viżitaturi u l-politiki tal-wirja temporanja u tal-ġbir. Il-Kumitat Akkademiku ta' pariri lit-tim f'dan ix-xogħol u wasal għal qbil dwar ir-riżultat. Il-Bureau tal-Parlament (kompost mill-President u l-14-il Viċi President) approva d-deċiżjonijiet prinċipali kollha.

X'inhi l-istorja li jirrakkonta l-mużew?

Il-wirja permanenti tikkonċentra fuq il-fenomeni u l-proċessi ewlenin li sawru l-Ewropa kontemporanja matul l-istorja, u tenfasizza d-diversità ta' esperjenza, kuxjenza u interpretazzjoni marbuta ma' dawn l-iżviluppi.

Il-wirja permanenti f'Dar l-Istorja Ewropea ma turix l-istejjer individwali tal-istati u r-reġjuni Ewropej. Minflok, tiffoka fuq fenomeni Ewropej. It-tim akkademiku tal-proġett għażel tliet kriterji: li l-avveniment jew l-idea tkun orġinat fl-Ewropa, tkun infirxet mal-Ewropa kollha u tkun għadha rilevanti illum. Abbażi ta' dawn il-kriterji, it-tim tal-proġett silet sitt suġġetti b'għadd kbir ta' temi u sottotemi. Xi drabi, il-wirja permanenti tmur lil hinn mill-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea.

L-istorja Ewropea jaf tkun kumplessa, diversa u frammentata, iżda fiha għadd kbir ta' elementi komuni wiesgħa u esperjenzi kondiviżi fost ħafna; il-wiri ta' wħud minnhom hu l-iskop tal-wirja permanenti. Il-wirja tibda bil-mit antik ta' "Ewropa u l-Barri" u l-interpretazzjonijiet tiegħu li jinbidlu, u tenfasizza l-fatturi ewlenin tal-wirt tal-Ewropa, li sawruha fil-fond, b'effetti li għadhom jinħassu sal-lum.

Dar l-Istorja Ewropea għandha l-għan li toħloq identità Ewropea?

Il-kunċett ta' identità huwa wieħed mill-aktar suġġetti diskussi fil-qasam tal-istudji kulturali. Flimkien mal-attivitajiet tal-mużewijiet, il-kunċett wassal għal ġabra enormi ta' letteratura u ta' riflessjoni. Ma teżisti l-ebda definizzjoni maqbula komunement dwar x'tista' tkun identità Ewropea. It-terminu huwa wisq limitat u statiku biex jintuża bħala bażi għal Dar l-Istorja Ewropea. Kieku d-Dar kellha tipproponi kunċett definit minn qabel tal-identità Ewropea, dan kien iservi biss biex joħnoq id-dibattitu, minflok ma joħloq diskussjoni b'ħafna ilĥna dwar din il-kwistjoni tant interessanti u topika. Minflok ma toffri tweġibiet fissi, Dar l-Istorja Ewropea trid tistimula dibattitu pubbliku dwar il-memorja u l-kuxjenza Ewropea.

Dar l-Istorja Ewropea se tissostitwixxi l-istejjer nazzjonali?

Dar l-Istorja Ewropea mhix is-sempliċi somma tal-istejjer nazzjonali, u lanqas m'għandha l-għan li tissostitwihom. Dar l-Istorja Ewropea sservi ta' maħżen tal-memorji Ewropej, li jħaddan esperjenzi u



interpretazzjonijiet bid-diversità, il-kuntrasti u l-kontradizzjonijiet kollha tagħhom. Il-mod kif tippreżenta l-istorja hu kumpless aktar milli uniformi, aktar differenzjat milli omoġenu, kritiku aktar milli affermattiv.

F'liema punt tibda n-narrattiva?

Il-wirja permanenti ta' Dar l-Istorja Ewropea, il-qofol tal-mużew il-ġdid, tiffoka fuq l-istorja Ewropea mis-seklu 19 sal-lum. F'xi partijiet, il-preżentazzjoni tmur aktar lura fl-istorja, saħansitra sa żminijiet il-qedem u l-Medju Evu, sabiex tispjega l-karatteristiċi fundamentali tal-kultura u ċ-ċiviltà Ewropea, biex b'hekk tgħin lill-viżitaturi jifhmu aktar il-preżent.

Il-wirja permanenti tibda bi preżentazzjoni tal-mit ta' Ewropa, it-tibdil tal-kunċetti ġeografiċi tul l-istorja u riflessjoni dwar dak li jista' jkun il-wirt Ewropew. Il-wirja tikkonċentra fuq l-istorja Ewropea tas-sekli 19 u 20, b'enfasi speċjali fuq l-istorja tal-integrazzjoni Ewropea.

